MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Talba Numru. 630/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Ivan Galea**
**ID576074-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut hallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tliet mija u sitt ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1,306.52c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C51042780* moghtija mis-socjeta’ attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok.IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru *A/C510427890* u Dok.IZY3 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.
Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tliet mija u sitt ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1,306.52c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------